# KUNSILL LOKALI FGURA

126-128. 'KUNSILL LOKALI FGURA' TRIQ HOMPESCH, IL-FGURA FGR2015 TEL: 21 664000 email: fgura.lc@gov.mt

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Minuti

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fgura – Laqgħa b'urġenza

**Laqgħa Numru 15/2020**

Data: L-Erbgħa 17 ta' Ġunju, 2020

Ħin: 18:30hrs

Post: Kunsill Lokali Il-Fgura, 126-128. Triq Hompesch, Il-Fgura.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Sur Pierre Dalli – Sindku |
| | Sur Clayton Portelli Cascun – Viċi Sindku |
| | Sur Charles Bonello – Kunsillier |
| | Sur Ray Deguara – Kunsillier |
| | Dr Ryan Ellul - Kunsillier |
| | Sur Adrian Tanti – Kunsillier |
| | Sur Mark Lombardo - Kunsillier |
| | |
| | Sin Cynthia Plumpton –Segretarju Eżekuttiv |
| | |
| Skużati: | Sin Toshera Schembri – Kunsilliera |
| | Sur Mario Fava – Kunsillier |

**AĠENDA**

15.1 ĠBIR TA' SKART RIĊIKLABBLI

### 15.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

**15.1.1** Il-Kunsill ra u approva li t-talbiet bħala ġustifikati biex il-Kuns T Schembri u l-Kuns M Fava jkunu skużati għal din il-laqgħa. Skużati

**15.1.2** Saret diskussjoni dwar il-ġbir ta' skart riċiklabbli. Is-Sindku nforma lill-kamra li għal bidu t'Awwissu jista' jagħti l-każ li jwaqqfu s-servizz u ma jkollnix alternattiva. Min naħa tar-Reġjun qed joffru l-assistenza tagħhom sabiex jappoġġjawna bħala Kunsill li hija xi ħaġa simili tal-istreet lighting. Is-Sindku nforma dwar l-urġenza ta' din il-laqgħa minħabba l-fatt li l-Kunsill irid jagħti risposta lir-Reġjun sat-22/06/2020. Il-Kuns C Bonello nforma lill-kamra li l-aħjar isir kuntratt formali u mhux dawn il-kumpaniji jiddeċiedu li jieqfu mis-servizz meta jfettillhom. Issuġerixxa wkoll li jekk bħalissa, l-Kunsill Lokali m'aħniex inħallsu, m'għandnix inħallsu flus. Is-Sindku nforma lill-kamra li din hija parti mir-responsabilita tal-Kunsill. Ġbir ta' skart riċiklabbli

**15.1.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5517/20/8 "Dan il-Kunsill qiegħed jaqbel li għandu jiġi ffirmat d-dokument biex jawtorizza lir-Reġjun ħalli jkun jista' jinnegozja l-kuntratt ta' ġbir ta' skart riċiklabbli sakemm is-servizz jingħata bla ħlas għall-Kunsill".

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**15.1.4** Il-laqgħa ntemmet fis-18:50hrs.

| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
|---|---|
| Is-Sur Pierre Dalli<br>Sindku | Sinjura Cynthia Plumpton<br>Segretarju Eżekuttiv |

Data: 17 ta' Ġunju, 2020